**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 758/97

Joseph Vella

vs

Kmandant Forzi Armati

Illum 31 ta' Ottubru, 2001.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fi jew ghal habta ta' 1987 u 1995 huwa sofra ingustizzja f'li ma nghatax promozzjoni.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

Illi huwa ilu jahdem mal-Forzi Armati ta' Malta 31 sena u bhalissa qieghed fir-rank ta' Lance bombardier. Huwa kien sar Lance bombardier fl-1 ta' Novembru 1986 u ilu ma jiehu

promozzjoni 11 il-sena.  Huwa hadem f'diversi postijiet fl-army fosthom patrol, road blocks, ghamel zmien twil ghassa mal-monument tal-Helsien gewwa l-Birgu u bhalissa qieghed xufier mal-maggur.  Kemm ilu fl-Army huwa dejjem qeghda dmiru tajjeb u kif suppost u dan jista' jixduh is-superjuri tieghu.  Bhala kwalifikazzjonijiet huwa ghandu 3rd Class Education, B2 Driver, B3 Cook, B3 Painter and Decorator u B3 Plumber and Pipe Fitter.

Illi huwa jhoss li gie deskriminat meta ghall diversi drabi johorgu promozzjonijiet u huwa jigi maqbuz minn nies li la ghandhom il-kwalifikazzjonijiet la esperjenza u lanqas seniority daqs kemm ghandu hu. Huwa jhoss li dejjem gie maqbuz ghall-promozzjonijiet minhabba l-kulur politiku tieghu.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku hawn anness li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju li jigi ordnat illi jinghata  l-promozzjoni ghall-Bombardier bis-sehh minn 1995 jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi  ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' kif tiddeciedi li hu xieraq il-Qorti.

Ra l-lista tax-xhieda u d-dokument prezentati mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tal-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta li eccepixxa illi dwar il-fatti allegati fir-rikors huwa ghandu xi jghid is-segwenti:

Illi fir-rigward tal-promozzjonijiet li saru b'effett mill-11 ta' Mejju 1988 r-rikors promotur huwa inammessibbli fit-termini ta' l-artikolu 5(3)(B) ta' l-Att VIII ta' l-1997 peress illi r-rikorrent naqas li jipprevalixxi ruhu mill-mezz ta' rimedju provdut fl-artikolu 161 ta' l-Att dwar il-Forzi Armata.

Illi fir-rigward tal-promozzjonijiet li saru b'effett mill-20 ta' Jannar 1992, ir-rikorrent kien ipprevalixxi ruhu mill-mezz ta' rimedju provdu fl-artikolu 161 ta' l-att dwar il-forzi armati. Jirrizulta li r-rikorrent kien ikkunenta bir-risposta jew rimedju li l-ufficjal kmandant tieghu ta' dak iz-zmien kien tah u ma jirrizultax li r-rikorrent kien talab biex iressaq l-ilment tieghu quddiem l-Kmandant tal-Forzi armati ta' Malta ta' dak iz-zmien.

Illi fil-promozzjonijiet li saru b'effett mill-11 ta' Mejju 1988 ir-rikorrent kien inqas ikkwalifikat minn dawk li gew promossi u li kienu junior tieghu. Tajjeb wiehed isemmi li r-rikorrent kien wehel sew fit-testijiet tal-*Junior NCO's cadre course* li kien sar ghall-Lance Bombardira prospettivi fl-1988. Illi fil-promozzjonijiet li saru b'effett l-20 ta' Jannar 1992 dawk li gew promossi u li kienu *junior* tar-rikorrent kienu kollha kkwalifikati aktar mir-rikorrent hlief ghal tlieta.

Illi jidher li l-promozzjonijiet saru skond ir-rakkommandazzjoni tal-Kmandant tal-Forzi Armati ta’ Malta ta’ dak iz-zmien u stante li l-promozzjonijiet fl-armata ma jinghatawx abbazi ta’ anzjanita’ u kwlaifiki biss,izda primarjament abbazi ta’ efficjenza kif wkoll abbazi ta’ ghazla biex timtela vakanza, dejjem skond ir-regolamenti applikabbli, cioe’ l-avviz legali Nru 91 tal-1970 u ghaldaqstant dak allegat mir-rikorrent, wahdu ma jammontax ghal prova li saret xi distinzjoni preferenza jew eskluzjoni indebita a skapitu tieghu fit-termini ta’ l-Att VIII ta’ l-1997.

Ghaldaqstant ghar-raguni fuq premessi, fl-ewwel lok, dan it-tribunal ghandu jiddiklina li jezercita il-gurisdizzjoni tieghu, u subbordinatament ghandu jichad it-talbiet kollha tar-rikorrent.

Ra l-elenku tax-xhieda tal-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ lix-xhieda bil-gurament.

Sema’ l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Illi fil-5 ta' Ottubru, 1999 l-intimat irtira l-ewwel eccezzjoni bazata fuq l-artikolu 161 ta' l-Att dwar il-Forzi Armati.

Illi r-rikorrent ikkonferma l-fatti kollha indikati fir-rikors.

Il-Maggur Alfred Attard esebixxa l-iskeda relattiva ghall-promozzjonjiet tal-1988 u tal-1992 li turi n-nies li effettivament saru minn Lance Bumbardier ghar-rank ta` Bumbardier u li fiha hemm imnizzel ukoll Joseph Vella shaded bil-griz biex jindika kieku ha l-promozzjoni fejn kienet tkun il-pozizzjoni tieghu. L-Army Certificate of Education ir-rikorrent gabu f` Dicembru 1993. Dan id-dokument juri xi kwalifiki u trades kellu r-rikorrent fiz-zmien ta` meta hargu l-promozzjonijiet. Semma li l-bazi ta` promotions dejjem kienu fuq kwalifiki pero` naturalment dan ma kienx rekwizit. Xehed "Mistoqsi jekk nistax naghti xi spjegazzjoni ghaliex Carmel Gatt li qieghed fl-ahhar tat-tieni pagna u Raymond Camilleri li qieghed it-tielet fit-tielet pagna ma nistax naghti xi spjegazzjoni fuqhom. Fil-fatt ir-rikorrent kellu zewg charges li kienu dahlulu fir-regimental conduct sheet."

Il-Maggur Pierre Vassallo xehed li jaf lir-rikorrent. Kien Platoon Officer tieghu bejn l-1988 u l-1991 meta r-rikorrent kien jahdem bhala Lance Bumbardier. Xehed li kien konvint minn xogholu. Kien jaghmel ix-xoghol kollu li kienu jqabbduh, road blocks, guard duties, driving duties, kull xoghol li konna nqabbduh kien jaghmlu b' mod efficjenti. Problemi tad-dixxiplina ma kienx hemm mar-rikorrent.

**KONKLUZZJONIJIET:**

Ghalhekk l-ilment jirreferi ghall-promozzjonijiet tal-1988, u tal-1992.

Dwar dawk tal-1988 jirrizulta li kienu hamsa li qabzu lir-rikorrent. Fil-kawza Anthony Scicluna vs Chairman Bank of Valletta deciza fis-27 ta' Ottubru, 1998 it-Tribunal qal:

"Issa fil-fehma ta' dan it-Tribunal, s-Seniority ghandha piz kbir hafna fl-ghoti tal-promozzjonijiet u ghandha ma tigix meqjusa biss meta jirrizultaw b'mod car u inekwivoku jew kwalitajiet posittivi ohra f'xi individwi ohra li jiggustifikaw li persuna / persuni ghandha taqbez lil min imissu skond is-seniority, jew kwalitajiet negattivi f'dak li jkun imissu l-promozzjoni [skond is-seniority] li jiggustifikaw li dik il-persuna ma tinghatax il-promozzjoni. Altrimenti naslu fi stadju fejn jirrenja suprem il-favoritizmu favur xi individwi ghal ragunijiet diskriminatorji (u ghalhekk kontra l-Kostituzzjoni)." [Ara wkoll George Debono vs Brigadier AFM 28/10/98].

Erbgha milli qabzuh kellhom 3rd Class Army Certificate of Education 3 waqt li r-rikorrent fiz-zmien in kwistjoni ma kellux; tlieta minn dawn kellhom trades superjuri. Peter Grech Pillow ma kellux il-Grade 3, izda kellu hafna aktar trades mir-rikorrent. Ghalhekk hawn wiehed ma jistax jitkellem dwar ingustizzja li r-rikorrent ma hax il-promozzjoni, se mai jista' jargumenta fuq evaluazzjoni differenti tal-kriterji applikabbli li certament ma jammontawx ghal ingustizzja kif definita fl-Att VIII tal-1997. Ghalhekk dwar il-promozzjonijiet tal-1988 jilqa' l-eccezzjonijiet tal-intimat.

Dwar il-promozzjonijiet tal-1992 jirrizulta li 29 qabzu lir-rikorrent li ghalkemm kienu zdidulu t-trades kien ghadu b'"nil" ghall-Army Certificate of Education. Mid 29 li qabzuh, 7 kellhom 1st Class, 15 2nd Class, 4 kellhom 3rd Class Army Certificate of Education u 3 xejn bhar-rikorrent. Dwar dawk li kellhom il-1st, 2nd, u 3rd it-Tribunal ma jhossx li kien hemm ingustizzja. Dwar dawk it-tlieta li qabzuh u kienu bhalu b'Nil ACE irid jinghad li:

Anthony Sciberras kellu trades anqas mir-rikorrent;

Carmel Gatt kellu grades sewwa anqas mir-rikorrent;

Raymond Camilleri ma kellu xejn.

Dan ifisser li biex il-fatt li r-rikorrent ma hax promozzjoni irid jigi gustifikat bil-fatt ta' fatturi ferm negattivi tar-rikorrent haga li ma irrizultatx. Ghal dawn il-motivi jichad l-eccezzjonijiet tal-intimat f'dak li jirrigwarda l-promozzjoni tal-1992.

Jilqa' t-talba tar-rikorrent dwar l-1992; u peress li jsib l-ilment gustifikat jirrikmanda li r-rikorrent jinghata rimedju kompensattiv billi jinghata l-kariga ta' Bumbardier b'effett mill-20 ta' Jannar, 1992 u jitpogga fil-lista ta' seniority daqs kemm ha l-promozzjoni dak in-nhar, kif ukoll li jithallas d-differenza fil-paga li sofra, basta din ma taqbisx is-somma ta' LM5000.

Spejjez kontra l-intimat.